

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tad-19 ta' Novembru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein oikeus - il-Finlandja) – Proċeduri kriminali kontra A, B

(**Kawża C-486/19**) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Għajnuna mill-Istat – Taxxa fuq il-ħelu, il-ġelat u s-soft drinks – Eżenzjoni ta' prodotti simili li tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE – Setgħa ta' impożizzjoni ta' sanzjoni kriminali fil-każ ta' nuqqasijiet ta' twettiq tal-obbligi relatati ma' din it-taxxa)

(2020/C 45/09)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein oikeus

Partijiet fil-proċeduri kriminali prinċipali

A, B

Dispożittiv

Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippreklidix li persuna fiżika, li taġixxi għan-nom ta' kumpanija suġġetta għal taxxa fuq il-konsum imposta fuq ċerti prodotti, bħaxxha inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u li naqset milli twettaq l-obbligli relatati ma' din it-taxxa, tiġi kkundannata għal sanzjoni kriminali skont id-dritt nazzjonali applikabbi, anki jekk l-eżenzjoni li minnha bbenefikaw impriżi oħra fir-rigward ta' prodotti simili għandha titqies li hija għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

⁽¹⁾ ĠU C 295, 2.9.2019.

Appell ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2019 minn Ramón Guiral Broto mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Lulju 2019 fil-Kawża T-772/17, Café del Mar et vs EUIPO - Guiral Broto (C del M)

(**Kawża C-713/19 P**)

(2020/C 45/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellant: Ramón Guiral Broto (rappreżentant: A. Sirimarro, abogado)

Partijiet oħra fil-proċedura: Café del Mar, SC, José Les Viamonte, Carlos Andrea González u l-Ufficijali tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma huwiex ammissibbli u kkundannat lil Ramón Guiral Broto għall-ispejjeż rispettivi tiegħu.